TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Glen Cachia

vs

Intercomp Marketing Ltd.

CCT 97/17/MS

30 ta' Ottubru 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-25 ta' Mejju 2017 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €3,500, parti mill-prezz ta' computer mixtri minghand is-socjeta' intimata liema computer kellu part difettuz li gie mibdul b'iehor 'reconditioned'.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata prezentata fit-13 ta' Lulju 2017, fejn cahdet it-talbiet tar-rikorrenti peress li din qdiet l-obbligazzjonijiet taghha skond il-garanzija moghtija lill-intimat.

Ra l-atti processwali.

Sema x-xhieda tas-socjeta intimata.

Ra illi r-rikorrent, minkejja li gie notifikat ma deherx ghas-seduta tal-18 ta' Settembru 2017 u l-anqas ma gab gustifikazzjoni ghan-nuqqas ta' dehra tieghu u lanqas ma ghamel ostakolu ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi skond it-talba, ir-rikorrent xtara minghand is-socjeta intimata *computer* bi prezz ta €3,968.00 liema prezz kellu jithallas fuq mhedda ta' zmien. Wara xi zmien, dan il-*computer* , meta kien ghadu taht garanzija, zviluppa xi hsara liema hsara giet identifikata fil-*graphic card.* Is-socjeta' intimata rrikonoxxiet illi kien hemm dan id-diffett u fix-xhieda taghha quddiem dan it-Tribunal qalet illi dan il-*card* nbidel b'wiehed *reconditioned.* Ghamlu referenza ghal Consumer Terms of Sale fejn fost affarijiet ohra nghad '*Parts used in repairing or servicing products may be new, equivalent to new, or reconditioned.*'
B'hekk huma ggustifikaw l-uzu ta' recondtioned part biex issewwu dan il-*computer.*

Ikkunsidra

Minkejja illi r-rikorrent ma gabx provi, it-Tribunal ihoss li jrid jikkumenta dwar dak illi ntqal bil-gurament mir-rapprezentanti tas-socjeta' intimata. Gie rikonoxxut bhala fatt li r-rikorrent xtara *computer* bil-prezz ferm oghli ta' €3,968.00. B'dan it-Tribunal jifhem illi dan kien *computer* ta' kwalita' suprema, b'features ferm aktar minn normal. Minkejja dan, il-*computer* gratlu hsara fil-*graphic card* fi zmien meta kien ghadu taht garanzija. Is-socjeta' intimata biddlet dan il-*graphic card* b'wiehed *reconditioned.*

Ikkunsidra

Minkejja dak illi nghad taht il-Consumer Terms of Sale, dan ma jaffetwax id-drittijiet statutorji tal-konsumatur. Ir-rikorrent xtara oggett gdid u wara xi zmien zviluapptlu hsara u bi dritt kellu jippretendi li t-tiswija ssir b'*part/s* godda u mhux dawk *reconditioned* jew *used*. Wiehed jifhem illi forsi dan ikun gustifkat f'*computer* ta' klassi medja u/jew wara li tkun ghalqet il-garanzija, izda mhux f'*computer* ta' dak il-prezz u fi zmien il-garanzija. Is-socjeta' intimata naqqset bi kbir meta ghazlet li tiehu din it-triq flok li tinstalla *graphic card* gdida u dan l-agir m'ghandux ikun a pregudizzju tad-drittijiet tar-rikorrent.

Veru li r-rikorrent ma deherx quddiem it-Tribunal biex jaghti x-xhieda bil-gurament u f'dan ix-xenarju is-socjeta' intimata kienet tkun gustifikata li kieku hi f'dak l-istadju talbet il-liberazzjoni mil-gudizzju. Pero' dan m'ghamlitux u minflok tat il-versjoni taghha bil-gurament fejn bazikament ikkonfermat dak illi allega r-rikorrent fit-talba tieghu. Kwindi t-Tribunal ma jistax jinjora din il-prova li giet validament u legalment imressqa quddiemu. Min-dawn il-provi, jirrizulta carament illi s-socjeta' intimata illediet id-drittijiet tar-rikorrent bhala xerrej u cjoe' id-dritt li jircievi l-oggett mixtri, fi stat tajjeb u b'garanzija statutorja ghal kull hsarat li jista' jkollu. Kien ikun iktar gust li kieku r-rikorrent talab ghal rijimpjazzament jew bdil tal-*graphic card* b'wahda gdida milli jitlob il-prezz shih tal-computer, aktar u aktar, meta l-*computer* baqa' dejjem fil-pusses tar-rikorrent, u di piu ghadu kien ghadu qed ihallas pagamenti mensili.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ma jidhirlux li ghandu jilqa' t-talba tar-rikorrenti fl-intier taghha ghax b'hekk ikun qed jaghmel arrikament ingust a skapitu tas-socjeta' intimata. Pero, tajjeb jew hazin, ir-rikorrent kellu dritt li jippretendi rijimpjazzament b'oggett gdid u mhux b'dak *reconditioned*. U ghalhekk arbitrio bono viri, it-Tribunal ser jakkordalu cifra li fl-opinjoni tieghu hija gusta u ekwa biex taghmel tajjeb ghan-nuqqas tas-socjeta' intimata, li ma pprovdietx *graphic card* gdida.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikundanna lis-socjeta' intimata li tirrifondilu s-somma ta' tlett mitt Euro €300.00. Bl-ispejjes illi jibqghu bla taxxa.

Michela Spiteri LL.D

Arbitru